# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — MARZU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1966


# KITTIEBA MALTIN LI GHAXU QABILNA

*Il-qarrej ta' kotba bil-Malti li jixtieq jistaħreġ fuq il-kitba Maltija ta' dawk li għaxu qabilna u fl-istess ħin jagħmel studju ta' l-isvilupp tal-Lsien Malti mill-pinna ta' dawk il-kittieba li minn epoka għal oħra waslu biex waqqfu s-sisien tal-bini tal-kitba letterarja Maltija tal-lum, barra minn xi manuskritti ta' nofs is-Seklu Sbatax, m'għandux ħlief iqalleb il-kotba li nkitbu u ħarġu stampati mis-Seklu Tmintax sal-bidu tas-Seklu Għoxrin.*

*Il-kitba Maltija sew ta' proża kemm ta' poeżija damet ma dehret fejn dik ta' nazzjonijiet oħra. Waħdu mir-raġunijiet ta' dan in-nuqqas hija li Malta u l-Gżejjer tagħha qatt ma kienu indipendenti bħalma huma l-lum, imma, mat-tbexbix tal-eqdem żmenijiet storiċi, dejjem għaxet taħt il-ħakma tal-aqwa ġnus barranin li minn żmien għal ieħor kienu waqqfu s-saltna tagħhom f'artijiet oħra tal-Mediterran, u d-dokumenti ċivili, statali, u leġislattivi, kif ukoll xi mindaqqiet kulturali, kienu jinkitbu bil-lsien tas-saltna barranija li kienet tmexxi l-gvern tal-Gżira.*

*Il-lsien Malti fl-isvilupp letterarju tiegħu ma bediex jidher ħlief wara studji li kienu saru minn xi studjużi barranin dwar in-nisel tiegħu bħala lsien semitiku, sew fil-lessiku, kemm fl-organiżmu tiegħu morfoloġiku u grammatikali; il-maqlub li ġara f'ilsna oħra li l-koltivazzjoni letterarja tagħhom bdiet bil-kitba ta' proża u versi. Dana jidher mill-istudji akkademiċi ta' J.H. Maius, Professur ta' Giessen* (1718) *u ta' Bellermann tal-Univer[illegible] ta' Berlin* (1809) *u ta' D.W. Gesenius tal-Università ta' Leipz[illegible]* (1810) *li kiteb kontra t-teoriji ta' Bellermann fuq in-nisel u n-natura lingwistika tal-Malti.*

*Ma' dawn l-istudji ta' min isemmi x-xogħlijiet mill-pinna ta' studjużi Maltin u ta' barranin oħra; it-trattati ta' Ġ.P. Frangisk Agius De Soldanis* (Nuova Scuola di Grammatica, eċċ., 1755); *barra minn dawn xi xogħlijiet ta' studji fuq il-Malti, imsemmijin minn De Soldanis; grammatika bil-Malti miktuba minn Mons. Domenico Sceberras, Isqof ta' Epifanja, oħra minn ċertu Tournon, Kavalier ta' Malta, u, skond ma jgħarrafna I.S. Mifsud, fil-*Biblio-

teca Maltese *tiegħu* (1764), *xi xogħlijiet oħra manuskritti ta' xi studjużi oħra li għaxu fis-Seklu Sbatax u fil-bidu tas-Seklu Tmintax: grammatika Maltija b'dizzjunarju Taljan-Malti miktubin minn Kavalier Franċiż, jismu Thezan, u grammatika Maltija b'dizzjunarju Malti-Taljan-Franċiż, miktubin minn ċertu Kommendatur Fra Francesco Bardon, manuskritt li fi żmien Mifsud kien għadu fil-Bibljoteka ta' Malta.*

*PROŻA. L-ewwel kitba ta' proża nsibuha fil-prietki* (*Mss*)*tal-qassis Ignazio Saverio Mifsud* (1739-1746), *fil-Katekiżmu jew Tagħlim Nisrani, miktub minn Dun Franġisk Wizzino* (1752), *fid-Djalogi u l-Proverbi* (*Qwiel. Mss*) *bil-Malti ta' G.P. Franġisk De Soldanis* (1712-70), *fit-traduzzjoni tal-Vanġelu ta' San Ġwann ta' Giuseppe Canolo* (1822), *fit-traduzzjoni tal-Vanġelji ta' Vassalli* (1829).

*Fl-istess żmien li fih il-kitba bil-Malti bdiet tixxerred bit-tagħlim tal-qari Malti u Ingliż mis-*Society for Promoting Christian Knowledge *bdew jidhru xi kotba bil-Malti ta' fejda kbira għal idejn it-tfal tal-iskola, sew għal dak li hu qari ħafif, kemm ukoll għal dak li hu tagħlim morali u mogħdija taż-żmien, biċċa minnhom miktubin bl-ortografija tal-grammatika Maltija bit-Taljan ta' Vassalli, bħalma huma* Ctieb il Kari yau Daħla għal ilsien Malti (1824) *ta' Francis Vella u Giuseppe Montebello Pulis;* Ktyb-yl-Qari ghat-Tfal (1831); Trattat fuq l'Obblighi tal Bniedem għat-tfal tal-Colleç ta' Għawdex *ta' Francis Vella* (1826); Storja tas-Sultan Ciru *traduzzjoni ta' Vassalli mir-Rollin* (1831), Il Ħaya u il Venturi ta Robinson Krusoe ta York Miktuba minnu n-nifsu — Mijuba mill Inglis (1846).

*Mal-isvilupp tat-tagħlim tat-Taljan u tal-Ingliż min-Nofs is-Seklu Dsatax inħass il-bżonn li jidħol l-użu ta' kotba tal-qari bil-Malti fl-Iskejjel tal-Gvern bħala mezz ta' tagħlim għall-ilsna barranija, l-iktar tat-Taljan, u, wara tal-Ingliż, iżda ġie żmien li t-tagħlim u l-kotba tal-Qari bil-Malti nżammu, l-ewwelnett minħabba li qatt ma kienet twaqqfet għas-sewwa sistema ta' ortografija uniformi sew fost il-kittieba u fl-istampa, kemm fl-iskejjel, kif ukoll l-għaliex ġie żmien li ma kinux insabu kotba miktuba bil-Malti, li fil-fehma tal-awtoritajiet skolastiċi setgħu jgħoddu għat-tfal tal-iskejjel bħala mezz għat-tagħlim tat-Taljan u tal-Ingliż. Kien biss fis-sena 1934 li t-tagħlim tal-Malti kien daħal għas-sewwa fl-iskejjel tal-Gvern, fil-Qrati u fl-Attijiet kollha leġislativi bis-saħħa ta' emendi kostituzzjonali, meta wkoll l-ortografija tal-*Għaqda *daħlet fl-użu ta' kitba uffiċjali bil-Malti. Minn dak iż-żmien nistgħu ngħidu li nħolqot epoka ġdida fil-ħajja letterarja tal-kitba Maltija li fiha rajna moviment kbir fl-użu tal-kitba u stampa ta' kull xorta fil-kamp istruttiv, soċjali, ġurnalistiku u letterarju.*

*Iżda għandna nistqarru li qabel din l-epoka, ix-xogħol ta' l-ewwel kittieba bil-Malti sal-bidu tas-Seklu Għoxrin sewwa biex saħħaħ il-pedamenti tal-letteratura Maltija tal-lum kif naraw fil-proża u poeżija li nkitbet minnhom.*

*Fost l-aħjar prożaturi tas-seklu li għadda u l-bidu ta' dana nsemmu lil Richard Taylor* (1818-1868) *li fost xi kotba oħra ta' proża, kiteb* Tagħlimiet ħfief fuq il-Kotba Mqaddsa u l-Offizzju tal-Ġimgħa l-Kbira; *lil Gio-Antonio Vassallo li, fost xi xogħlijiet oħra, kiteb* Storja ta' Malta fil-Qosor, il-Ħajja ta' San Pawl u l-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu fid-Dinja, *lil Fortunato Panzavecchia li kiteb xi kotba ċkejknin tal-Bibbja u tal-Istorja ta' Malta bil-Malti għall-użu tal-iskejjel tal-Gvern u folju ċkejken jismu* Iż-Żmien Mirbuħ; *lil Annibale Preca li kiteb* Qalbiena għall-Baħar, Storja Sagra bil-Malti sal-Miġja ta' Ġesù Kristu, Ġeografija, eċċ., *lil Achille Ferris li fost xi xogħlijiet oħra kiteb* Il-Ħajja ta' San Franġisk ta' Assisi, Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu *miktuba għat-tfal,* Il-Ħajja tal-Madonna, eċċ., *lil Patri Manwel Magri, S.J. li kiteb* Ħrejjef Missirijietna, X'Jgħid il-Malti, eċċ., *lil Salvu Frendo De Mannarino li kiteb* Il-Barunissa Maltija, *lil A.E. Caruana li kiteb ir-rumanz* Ineż Farruġ, *lil Dun Xand Cortis, li fost xi kontribuzzjonijiet oħra fil-*Mogħdija taż-Żmien, *kiteb* Ħrejjef u Ġrajja; Fil-Ħabs bla Ħtija, eċċ., *u ma' dawn nistgħu ngħoddu wkoll lil Ġużè Muscat Azzopardi, lil Pawlu Bellanti, lil Temi Zammit, lil Ninu Muscat Fenech u lil Ġanni Vassallo li isimhom jixraq li jibqa' mfakkar fost il-kittieba xjuħ tal-proża letterarja Maltija u li l-kitba tagħhom kellha influwenza kbira fuq dik tal-prożaturi Maltin tal-lum għalkemm mhux hekk qawwija daqs dik li kellha l-poeżija ta' poeti xjuħ fuq il-Muża żagħżugħa tagħhom.*

*Ta' min, madankollu, jistqarr illi l-kittieba qodma ta' proża narrativa ftit taw rakkonti li tista' tgħidilhom oriġinali, għaliex il-biċċa l-kbira huma traduzzjonijiet minn rakkonti miktubin bit-Taljan.*

*POEŻIJA. Għal dik li hi poeżija minn kittieba Maltin it-twelid tagħha nafuh minn dawk il-qabbiela, biex ma ngħidx, għannejja, sa minn dawk iż-żminijiet bikrija li fihom twieldet ukoll xi ftit tal-proża 'l hawn u 'l hinn, iżda mhux hekk fl-istampa daqs kemm f'xi manuskritti. Dan jidher l-ewwelnett mill-versi ta' Gio Francesco Bonamico dwar l-1672-75 li kiteb b'tifħir lill-Gran Mastru Cotoner; minn poeżija miktuba minn qabbiel Għawdxi fil-ħabs, li tinsab fil-manuskritt* 144 *(Bibl. Malta) ta' De Soldanis u minn xi poeżiji oħra li nsibu f'xi manuskritti, waħda minnhom imsemmija u miġjuba fl-*Istromati *ta' Ignazio Saverio Mifsud (dwar l-1738) fuq il-Qtil tal-Patri Lettur Grimani fil-Kunvent tad-Dumnikani. Fost poeżiji oħra*

*qodma, għalkemm traduzzjoni mill-Franċiż, ta' min isemmi il-poeżija* Għanja ta' Trijonf tal-Libertà *li nkitbet bil-Franċiż minn La Coretterie, Segretarju tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż, għall-Festa Nazzjonali tal-14 ta' Lulju,* 1798 *maqluba bit-Taljan u bil-Malti* (Archivum Melitense. *Vol. V. paġ.* 56). *Versi oħra qodma nsibuhom fl-Arlekkin* jeu Kaulata Inglisa u Maltija (1838) *maħruġ bħala Supplement tal-*Harlequin, *ġurnal Ingliż, fl-okkażjoni taż-Żjara tar-Reġina Adelaide f'Malta. Dan kien l-ewwel ġurnal Malti fejn dehru żewġ poeżiji, waħda bl-isem ta' l-*Imħabba u l-Fantażija, *versi ottonarji, kwartini, b'sitta u għoxrin strofa, traduzzjoni bil-Malti mill-Ingliż ta' Mrs. Iliff, u l-oħra sunett. Iż-żewġ poeżiji, għaż-żmien li nkitbu, huma l-isbaħ eżempji ta' poeżija Maltija li tista' toqgħod mal-poeżija Maltija tal-lum f'antoloġija għal dak li hu ħsieb, stil u forma teknika. Dnub li m'għandniex l-isem ta' min kitibhom. Ma' dawn, bħala versi bikrija, ta' min isemmi fuq fuq: it-*Tliet Għanjiet bil-Malti *miktubin minn Gioacchino Navarro, Kavalier Konventwali, miġjubin mill-Kavalier St Priest f'*Malte pour un Voyageur Francois (1791); *għanjiet oħra bil-Malti miġjubin fid-*Description of Malta and Gozo *ta' G. Badger,* 1838; *versi ta' Luigi Rosato*: Għajdut Malti Għat-Tifkira tar-Reġina Adelaide fl-Ewwel Miġja tagħha fit-Teatru, fil-Għaxra ta' Diċembru, 1838; *oħrajn minn Richard Taylor* "Jum il-Ħaqq", *traduzzjoni mill-*Judgement Day *ta' Young* (1845), *kif ukoll versi oħra tiegħu flimkien ma' versi ta' kittieba oħra tas-Seklu Tmintax u Dsatax li nsibu fit-tliet kotba* "Kitba u Kittieba tal-Malti" *ta' Ġ. Cassar Pullicino* (1962).

*Gio. Anton Vassallo bil-*Għana għall-Kitarra *msemmijin minn Ġ. Cassar Pullicino* (opus cit.) *ħallielna mera tal-poeżija tradizzjonali tal-vers settenarju u ottonarju tal-għana Malti li fihom il-motivi huma iktarx romantiċi u erotiċi, xi drabi narrativi u sensazzjonali.*

*Waħda mill-eqdem għanjiet, li għandha minn ballata, hija dik tal-*Għarusa tal-Mosta *li kienet dehret l-ewwel darba stampata fl-*Archivio Glottologico Italiano *fl-*1895 *mill-Professur L. Bonelli. Tinsab ukoll fil-*Malta Cananea *ta' A. Preca, xogħol stampat fl-*1904, *wara l-mewt tal-awtur, minn Alfonso Maria Galea. Milli jidher Bonelli kien kiseb din l-għanja minn għand Preca stess, li mill-banda l-oħra kien tahielu miktuba Dun Pawl Chetcuti mill-Mosta, fil-waqt li dana kien semagħha minn mara xiħa li kienet zitu.* (*)

*Għeluq is-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin, il-poeżija Maltija bdiet tieħu forma iżjed Prosodika, fil-metru, fl-argument u fl-istil taħt l-influwenza tal-poeżija klassika Taljana. Kienet il-pinna tar-romanzier u poeta Ġużè Muscat Azzopardi fil-*Ħabbar Malti *u f'ġurnali oħra bdiet tlibbes il-Musa Maltija b'libsa ġdida li b'xi mod*

*kont tista' axxebbaħha ma' dik li biha naraw miksija l-poeżija klassika, iżda bit-tama li maż-żmien għad t'lħaq livell wisq ogħla, kif difatti kellna naraw tassew wara fil-versi ta' Dun Karm u ta' Cuschieri, li mħajrin mid-Direttur ta' Il-*Ħabib, *Ġ. Muscat Azzopardi, fl-1912, biex jieħdu sehem fil-missjoni tiegħu għal* kitba tajba bil-Malti *f'dak il-ġurnal, kienu fetħu t-triq tal-koltivazzjoni letterarja tal-Malti, li l-lum narawha, l-iktar fil-versi, fl-aqwa tagħha mill-pinna prolifika tal-ġenerazzjoni ġdida.*

a.c.

(*) Dwar din il-għanja jinsab studju ta' Ettore Rossi f'*Lares* (Sett. 1932) bl-isem ta' *Scibilia Nobili e la Leggenda Maltese della Sposa della Mosta* u ieħor b'kommenti kritiċi, ta' A. Cremona: *Is the Maid of Mosta a Myth?* fil-*Journal of the Malta University Literary Society,* No. 10, March, 1934, u ieħor ta' Raffaele Corso "*La Canzone delle Sposa rapita dai pirati barbareschi* f'*La Rivista d'Oriente* (Ottobre, 1936).